MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Numru 60/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Joseph Abdilla)
vs
Noel Camilleri, iben Francis, imwieled Pieta' fl-1 ta' marzu, 1982
u
Aaron (Aaron Elvis) Camilleri, iben Francis, imwieled Pieta' fis-26 ta' awissu, 1978
u
Joseph Camilleri, iben Francis, imwieled Pieta' fid-9 ta' frar, 1974

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fil-21 ta' jannar, 2005 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda

li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. ifflaisfikaw biljetti tal-flus, kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati;
b. talli fl-istess, data, lok u ċirkostanżi, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġitoma jew raġonevoli xtraw jew irċevew mingħand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess tagħhom biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma faosifikati;
c. talli fl-istess, data, lok u ċirkostanżi għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement għamlu użu mill-istess atti, skrituri jew kitba falza;
d. talli fl-istess, data, lok u ċirkostanżi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' anqas minn Lm100 għad-dannu ta' diversi pompi tal-petrol u sidien ta' pomp ital-petrol u persuni oħra;
e. talli fl-istess, data, lok u ċirkostanżi kkomettew serq ta' diesel u petrol minn diversi pomp ital-petrol, għad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni oħra liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-ħin u bil-lok;
f. talli fl-istess, data, lok u ċirkostanżi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex imexxuhom jew ibiegħuhom;
kontra Noel Camilleri, waħdu:
g. talli sar reċidiv skkond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/I għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' marzu, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub (fil-konfront ta' l-imputati kollha –
a. fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e), 263, 269, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artioli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' frar, 2006 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' jannar, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati kollha ħatja tas-sitta akkuża miġjujba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża.  Fil-konfront ta' Joseph Camilleri u Aaron Camilleri ssibhom ħatja tal-akkużi l-oħra miġjuba

kontra tagħhom (ħlief dik tar-reċidiva li ma tapplikax fil-każ tagħhom). Rat l-artikoli 18, 183, 184, 308, 309, 310, 261(b)(ċ)(e), 263, 269, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna-
hom għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fil-konfront ta' Noel Camilleri ssibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 183, 184, 308, 309, 310, 261(b)(ċ)(e), 263, 269, 270, 278, 279, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' sebgħa u għoxrin lira maltin (Lm27) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' perit. Tordna r-rilaxx tal-karozzi eżebiti fl-atti ta' din il-kawża. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-flus foloz eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------